# IL-BANDIERA

*Essay ta' KARMENU ELLUL GALEA*

Biċċa ċarruta jew drapp, bi ftit jew b'ħafna lwien, meta mhux ukoll kollha ta' lewn wieħed. Ħafna drabi nilmħu wkoll fiha disinji jew simboli li jkunu jfissru t-tali ħaġa, żmien jew inkella xi ġrajja. Min jaf kemm studji saru u kemm nies ħabblu moħħom biex sawru u fasslu l-ilwien, il-kif u l-għala tal-bandiera li għalihom kienet tfisser l-istess ħajja tagħhom. Kemm enerġija u żmien inħlew, għadhom iħabblu l-imħuħ, u naħseb li jibqgħu biex bandiera tidher sabiħa, u fuq kollox bi storja u tifsir ta' din jew dik il-ħaġa.

U jtikx tassew li tidħak li tara rġiel daqs hawn u ta' l-affari tagħhom imġennin wara din jew dik il-bandiera! Tara oħrajn mitlufin wara dan jew dak il-lewn. Xi wħud saħansitra waslu biex jiġu fl-idejn u jitilfu l-ħbiberija ta' bejniethom minħabba din l-imbierka ta' bandiera. L-anqas li kienet xi ħaġa mitqilha deheb ma tasal biex tara dan il-ġenn, imħabba, għożża u bluha għal biċċa ċarruta bi lwien jew mhux ukoll b'qabda tiċpis ta' żebgħat li minn xi daqqiet ma tistax tifhem xi jfissru. U biex tagħqad, meta tkun qadima tgħidx kemm u kif, u mżarta minn hawn u minn hemm, kemm tkun ta' siwi u kemm għajnejn jogħxew u jitkabbru biha.

It-Taljani nismagħhom igħidu li "bandiera vecchia è l'onore del capitano". U kemm dan hu minnu narawh fl-istess pajjiżna u rħula u bliet ta' artijiet barranin. Inżuru l-mużej ta' dawn, u f'naħa jew oħra, jekk mhux ukoll f'post l-iżjed li jidher u xieraq, għandek issib qabda żagarelli, biex ma ngħidx ukoll ħjut, li fuqhom il-gwida jaħli ħafna ħin biex ifissirlek il-ġrajja tagħhom. Induru ftit il-każini tal-baned jew dawk tal-football li għandna mxerrda ma' l-erbat irjieħ ta' dawn il-gżejjer, u aqtagħli għonqi b'sikkina jekk fi gwarniċ mill-iżjed wiesa' u mill-isbaħ, ma ssibx xi bandiera, stendard jew bandalora li jkunu jgħoddu min jaf . . . min jaf . . . kemm snin! . . .

Mhux darba u tnejn fit-toroq tagħna waqt xi marċ tal-festa nilmħu xi stendard imkebbeb — li jekk tipprova tiftħu jsir trietaq — imma jkun hemm biex juri s-solennità u l-ġieħ ta' min ikun qiegħed jieħu sehem. Jista' jkun ukoll hemm biex juri l-kobor ta' dik l-okkażjoni.

Minkejja dan kollu, il-bandiera nistħajjilha li hija x-xbieha tan-nazzjon. Hija l-ideal li fuqu twaqqfu u jimxu dan il-każin, dik il-għaqda, dan il-partit. Hi wkoll l-isem, imma minflok bl-ittri, muri u mfisser bit-tqassim ta' l-ilwien jew b'xi disinji jonkella figuri. Ara x'bandiera hi u malajr tintebah x'nazzjon jew għaqda hi. Għal bandiera ċċarċar u ġera d-demm, nies marru l-ħabs, u oħrajn sfaw vittmi.

Inqallbu ftit l-istorja u naraw kemm għamel għagħa u briju dak ir-riġment jew l-armata li f'xi gwerra, taqbida jew ġlied, kellhom il-ħila u l-qlubija li jġibu u jaħtfu taħt idejhom il-bandiera ta' dawk ta' kontrihom. Għax il-bandiera, barra li fiha nilmħu l-ideal, naraw ukoll is-simbolu. U dawn, m'hemmx dubju, huma ħwejjeġ għeżież u qaddisa. Ebda prezz jew ġid milli hawn fid-dinja mhuma biżżejjed biex tixtrihom jew tiksibhom. Huma, biex ngħid hekk, il-qalb, ir-ruħ u l-ħajja ta' dawk li jkunu qed jirrappreżentaw.

Il-ħajja tal-bniedem m'hemmx prezzha. Hekk ukoll għandna nifhmu għall-ideal u s-simbolu tagħha. Ħajja mingħajr ideal hija ħajja mejta. Ħajja mingħajr simbolu hi xi ħaġa li ma tafx x'taqbad issejħilha. La l-bandiera tfisser u ġġibilna quddiem il-ħsebijiet tagħha s-sisien, il-mira u l-ħolqien tan-nazzjon, għaqda, partit, organizzazzjoni, komunità jew xirka, allura, irridu u ma rridux, ikollna ngħidu li l-bandiera hi xi ħaġa mhux komuni jew ta' min jarmiha. Ngħid għalija tgħidx kemm nitgħaxxaq inħares lejha meta ħelu ħelu naraha titbewwes maż-żiffa ħafifa donnha trid tkellmek x'ħin tibda tinbaram issa fuq naħa u issa fuq l-oħra. Imbagħad, ħares lejha f'xi riħ qawwi, u donnha trid tibilgħek bil-qilla u r-rabja tagħha. Mela l-bandiera wkoll għandha l-espressjonijiet tagħha, kemm ta' ħlewwa kif ukoll ta' għadab.

Nieħdu l-bandiera tagħna, il-bandiera Maltija. Bajda u ħamra. L-istemma tal-Konti Ruġġieru n-Normann. Fiha hemm minsuġa flimkien storja, epoka u qedem. Barra hekk, fiha naraw imfissra l-imħabba u s-safa tat-tajfiet ta' dawn il-gżejjer lejn it-twemmin, il-fidi u l-art ħelwa li tatna l-ħajja. M'hemmx dubju li ebda Malti jew Maltija, ma qatt jistgħu jgħaddilhom l-iċken ħsieb li jmaqdru, ibaxxu jew iwarrbu l-bandiera Maltija. U dan ma jagħmluhx għax din hija l-istess huma. Fil-bandiera naraw il-ġieh u l-kobor tagħhom stess

M'hemmx għalfejn immorru 'l bogħod wisq biex naraw kemm dan huwa minnu. Naraw x'importanza kbira qed tingħata minn dawk il-pajjiżi li f'dawn l-aħħar snin kisbu l-indipendenza. Anzi, nistgħu ntennu bla biża' u bla ħabi ta' xejn, li t-tlugħ tal-bandiera hi l-aqwa u l-ogħla funzjoni fiċ-ċelebrazzjonijiet u l-festi ta' l-indipendenza.

Insejna kif f'nofs il-lejl tal-21 ta' Settembru, 1964, aħna l-Maltin ħallejna djarna u bi ħġarna morna biex naraw il-bandiera ħelwa u għażiża tagħna tielgħa ma' l-arblu bħala turija li sirna nazzjon sovran u ħieles?! U kemm kien ħin għażiż u qaddis! Ebda kelma . . . Skiet għal kollox . . . Kien kważi jaqbiżlek id-dmugħ! U dan kollu għax kienet tielgħa l-bandiera, il-bandiera li tirrappreżenta lill-ġens Malti! Ma' dak it-tlugħ tal-bandiera, il-poplu Malti kien qed iħossu jieħu nifs ġdid. Ma' dak it-tlugħ tal-bandiera, il-ġens Malti kien qed jara l-istess tlugħ tiegħu fis-saltna tan-nazzjonijiet.

Mela l-bandiera mhix sempliċi biċċa ċarruta, u suq u iġri. Hija d-demm, il-polz u r-ruħ tan-nazzjon jew ta' dak li għalih tkun qed t'dher. Il-bandiera tagħżilha n-nazzjon, l-għaqda u kull ġemgħa oħra ta' msieħba flimkien. Mela bid-dritt kollu li din hija x-xbieha, il-fehma u r-rieda ta' dawn. Kull bniedem jew bniedma fihom infushom huma ħaġa komuni, imma meta huma magħżula għal xi kariga jġibu u jġorru magħhom is-setgħa, il-qima u l-fehmiet ta' min jaħtarhom. Hekk ukoll biċċa ċarruta meta hi mfassla u meħjuta u bi lwien jew disinji skond il-ħsebijiet u l-prinċipji ta' min joħloqha, issir ħaġa għażiża u ta' siwi bla tarf. L-awtorità u l-kobor tal-bandiera narawhom waqt parati u proċessjonijiet ta' kull għamla u sura. Quddiemha jsir l-ogħla tislim, l-isbaħ għana u jingħata l-akbar ġieh.

Issa naqilbu daqsxejn il-folja. Xi jsir meta xi ħadd ikun irid juri li ma jaqbilx mad-deċiżjonijiet u għemejjel ta' xi nazzjon? Spiss naqraw fil-ġurnali u naraw minn fuq it-television mhux biss dimostrazzjonijiet imma wkoll ħruq, tqattigħ u massakru sħiħ ta' bnadar ta' dik jew din l-ambaxxata. Min jagħmel hekk ikun qed juri u jfisser il-korla u l-għadab kontra n-nazzjon li fil-fehma tiegħu jew tkun naqqset jew weġġgħet ir-rieda u d-drittijiet taċ-ċittadini sħabu.

Tant għandha importanza l-bandiera li tidħol mhux biss f'okkażjonijiet ta' ferħ, festi u anniversarji imma wkoll saħansitra fl-imwiet. Ħoll xagħrek u ġib iż-żejt jekk meta jagħlaq sninu t-tali sultan jew president, jew inkella fil-mewt tagħhom, u xi nazzjon ma ttellax il-bandiera skond iċ-ċirkustanza li tkun. M'hemmx dubju li dawn, f'radda ta' salib, jiksru l-fus u jista' jitqanqal pandemonju sħiħ.

Mela biċċa perpura tperper u titbewwes mal-fewġa tar-riħ, tista' b'la ma tkun taf xejn, taqilbilna d-dinja ta' taħt fuq. Filwaqt li kulħadd jifgaha bl-irwejjaħ u d-dħaħen ta' l-inċens, min-naħa l-oħra nistgħu ngħidu li hi l-vera rsira u qaddejja ta' kull min tiġi taħt idejh.

Min jista' jbassar kemm għamliet, ismijiet u tiżwiq ta' bnadar hawn fid-dinja!! Il-Ġnus Magħquda għandha l-bandiera tagħha. L-istess ħaġa għandha n-Nato, u wkoll il-pajjiżi tal-Patt ta' Varsavja. Kulħadd jifraħ, jiftaħar u jġib 'il quddiem il-bandiera tiegħu. Hekk sejra d-dinja. Kull tajr jiftaħar b'rixu. Imma jien naħseb li l-isbaħ, l-egħżeż u l-eqdes hija l-bandiera ta' l-imħabba, tal-ħaqq u tal-ħelsien li xi darba għad tagħmel mid-dinja post tassew xieraq fejn wieħed ikun jista' jgħix fis-sliem tal-familja, bla biża' ta' gwerer u mingħajr tehdid ta' ġuħ.